MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 419/1997/1

**Francis sive Frank Fenech**

**Vs**

**Raymond Mallia ghan-nom u in rapprezentanza ta' Blye Engineering Co. Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi, b'citazzjoni fl-ismijiet Raymond Mallia ghan-nom u in rapprezentanza ta' Blye Engineering Co. Ltd vs Francis sive Frank Fenech (Citaz. Nru. 1229/95) l-attur *nomine* talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' tmien mija tnejn u ghoxrin lira Maltija

(Lm822), prezz ta’ merkanzija, installar ta’ l-istess u xoghol iehor relatat;

Premess illi, b’sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Prim’ Awla fit-28 ta’ Gunju 1996 l-attur *nomine* gie kanonizzat kreditur tal-konvenut fl-ammont ta’ tmien mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm822);

Premess illi, mill-atti processwali jirrizulta li Francis sive Frank Fenech kien gie notifikat permezz tal-procedura ta’ l-affissjoni, fuq indirizz li la huwa l-post residenzjali tieghu, la huwa tieghu izda ta’ kumpanija li hija entita legali separata, u li huwa post miftuh stagjonalment fis-sajf biss, u dan jirrizulta wkoll mill-unika riferta ta’ l-istess purtier, datata 3 ta’ Mejju 1996, fejn kiteb “sibt il-post maghluq”;

Premess illi, suppost twahhlet kopja tac-citazzjoni u ta’ l-avviz fuq il-bini in kwistjoni, liema kopja ma jirrizultax li qatt twahhlet, ghaliex jew il-manager Franco Camilleri jew l-istess Francis sive Frank Fenech li jinzlu kull jum sabiex jivverifikaw li kollox sew, minhabba hsara li jista’ jikkaguna l-maltemp, serq jew qtugh ta’ dawl, kienu jsibu din il-kopja mwahhla, liema kopja qatt ma nstabet;

Premess illi, l-affissjoni ma saritx skond l-istess procedura li tirrikjedi l-Ligi, l-Artikolu 187 tal-Kap. 12;

Premess illi, l-attur ma kienx gie notifikat validament kif tirrikjedi l-ligi, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi, ghalhekk l-attur qieghed a tenur ta’ l-Artikolu 811 (b) jitlob ir-ritrattazzjoni tal-kawza;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Prevja r-revoka u thassir tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-28 ta’ Gunju 1996, fl-ismijiet Raymond Mallia *nomine* kontra Francis sive Frank Fenech, ghat-tenur ta’ l-Artikolu 811 (b) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi n-notifika ta' l-attur bil-kawza fl-ismijiet inversi (Citaz. Nru. 1229/95/AJM) saret skond il-ligi bil-procedura ta' l-affissjoni;

2. Illi, fi kwalunkwe kaz, huwa kien jaf, jew messu kien jaf, bl-istess citazzjoni kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Ghalhekk it-talba tieghu ghar-ritrattazzjoni ai temini ta' l-Artikolu 811(b) tal-Kap. 12 hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontrih;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Ezaminat il-provi migbura;

Rat in-noti pprezentati mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

L-Artikolu 813 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi li r-ritrattazzjoni "ma tinghatax hlief ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-Artikolu 811 u ma tinghatax hlief ghal dawk il-kapi tas-sentenza attakkata illi

dwarhom tkun tezisti xi wahda minn dawk ir-ragunijiet kif ukoll ghall-kapi l-ohra li jkunu dipendenti minnhom.”;

Fl-istanza prezenti l-attur qed jitlob ir-ritrattazzjoni fit-termini tas-subinciz (b) tal-Artikolu 811. Dan id-dispost jippreskrivi bhala raguni l-kaz fejn “ic-citazzjoni ma tkunx giet innotifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza.”;

Opportunement, qabel kull indagini ta’ din ir-raguni prospettata mill-attur, tajjeb li jigi ribadit il-hsieb guridiku in materja ta’ ritrattazzjoni;

Kif rilevat fi skorta ta’ decizjonijiet fuq is-suggett, “mill-istess kliem tal-ligi huwa evidenti li l-gudizzju tar-ritrattazzjoni ghandu zewg skopi, jigifieri dak li tigi annullata sentenza li tkun saret gudikat bejn il-partijiet, u dak li terga’ tinfetah it-trattazzjoni tal-kawza biex tigi ottenuta sentenza ohra.” “**Neg. Paolo Borg –vs- Neg. Francis Grech et**”, Appell Kummercjali, 27 ta’ Gunju 1949; “**Giuseppe Camileri noe –vs- Giovanni Schembri**”, Appell Civili, 19 ta’ Frar 1962;

Fi kliem iehor il-gudizzju tar-ritrattazzjoni “*si compone di due stadi distinti da non confondersi l’uno coll’altro, detti dai pratici ‘il rescindente’ e ‘il rescissorio’.*” – “**Robert Harrison noe –vs- Antonio Zammit noe**”, Qorti tal-Kummerc, 16 ta’ Dicembru 1915;

Dak li jikkoncerna ghalissa lill-Qorti hu proprju l-ewwel stadju tendenti ghat-thassir tas-sentenza li minnha qed jillamenta l-attur;

Issa d-dispositiv ta’ l-Artikolu 811 (b) fuq citat jippostula zewg elementi, u cjoe, (a) li l-parti sokkombenti fil-gudizzju ma tkunx giet notifikata bl-att, u (b) li ghalkemm mhux notifikata ma tkunx ukoll dehret ghas-smigh tal-kawza;

Dan jikkonduci lill-Qorti biex tindaga jekk in-notifika ta’ l-att saretx fit-termini tal-Kapitolu 12, una volta, kif inhu hekk il-kaz, ma jirrizultax fil-kaz hawn ezaminat, illi l-attur kien

ghamel xi apparizzjoni fil-kors tal-proceduri, fil-kawza deciza fl-ismijiet inversi;

Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi diversi metodi ta' notifika;

Fl-ewwel lok is-subinciz (1) ghall-Artikolu 187, jiddixxiplina b'mod generali n-notifikazzjoni ta' l-atti jew skritturi fis-sens li jipprovdi kif din tista' ssir;

Kif rilevat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Alessandro Delhin –vs- Antonio Darmanin et**", Qorti tal-Kummerc, 9 ta' Novembru 1927, "*da tale disposizione si desume essere duplice la forma legale della notificazione di atti giudiziari, quella per cui la consegna della copia della scrittura si fa direttamente alla persona da essere notificata, o quella per cui si fa indirettamente, col lasciare la stessa copia nella casa di abitazione o nella sede di affari della persona da notificarsi, nel quale ultimo caso pero` la consegna della copia della scrittura si deve fare o ad un membro della famiglia, o ad un addetto alla casa o al servizio della persona medesima.*";

Illum, s'intendi, din id-disposizzjoni twessghet kemm ghan-numru ta' persuni li maghhom l-att jista' jithalla, kemm ghal dik li hi sede fejn l-istess att jista' jitqies validament notifikat;

Fic-citazzjoni tieghu l-attur *inter alia* jippremetti illi huwa ma kienx gie validament notifikat bl-atti tal-kawza fl-ismijiet inversi (Citaz. Nru. 1229/95) deciza finalment fit-28 ta' Gunju 1996. Jokkorri ghalhekk li l-Qorti tezamina l-korrettezza, o meno, ta' din il-premessa;

Mill-atti tal-kawza l-ohra, kif rizultanti mill-kopji esebiti minn fol. 97 sa fol. 127 tal-process, jistghu jigu sintetizzati dawn l-aspetti l-aktar saljenti:-

I. Fic-citazzjoni appena accennata, intavolata fil-11 ta' Settembru 1995, l-indirizz hemm moghti tal-konvenut (attur fl-attwali stanza) hu "Jumbo Lido", Qui-Si-Sana, Sliema. Dan ma huwiex il-fond residenzjali tieghu in

kwantu jitratta minn “restaurant fuq il-bahar” gestit mis-socjeta` VAP Company Limited. Ara deposizzjoni ta’ l-attur a fol. 15 tal-kawza hawn trattata;

II. Mir-riferta tal-Marixxal ta’ l-4 ta’ Dicembru 1995 (fol. 105) jirrizulta illi meta dan mar fil-post imsemmi fl-1 ta’ Dicembru 1995 dan instab maghluq u allura l-att tac-citazzjoni u l-avviz tas-smiegh ma gewx notifikati;

III. Fl-20 ta’ Marzu 1996 il-kawza thalliet *sine die*;

IV. Wara r-riappuntament taghha tentattiv iehor ta’ notifika ma ta l-ebda rizultat utili billi ghal darba ohra l-post instab maghluq. Dan skond ma jirrizulta mir-riferta tat-3 ta’ Mejju 1996 (fol. 114);

V. Skond riferta ulterjuri tad-9 ta’ Mejju 1996 (fol. 116) jinghad li l-atti gew “*refused*”;

VI. B’rikors ntavolat fil-21 ta’ Mejju 1996 is-socjeta` attrici f’dik il-kawza talbet li tigi awtorizzata tinnotifika lill-konvenut bil-procedura ta’ l-affissjoni. Talba din li giet akkordata (fol. 117) u segwita bin-notifika, kif hekk jirrizulta mir-riferta tal-Marixxal tat-30 ta’ Mejju 1996 (fol. 122). Dan hu hekk konfermat mill-Marixxal Crocefisso Briffa (fol. 86) li stqarr li hu affissa kopja tac-citazzjoni u ta’ l-avviz fil-post indikat bhala “Jumbo Lido”. Fatt dan zmentit mill-attur odjern (fol. 16) u minn Franco Camilleri (fol. 88);

VII. Billi ma tressqu l-ebda eccezzjonijiet, il-Qorti ghaddiet biex tiddeciedi l-kawza, kif hekk effettivament ghamlet fit-28 ta’ Gunju 1996;

Huwa indiskuss illi l-validita` tas-sentenza li taghha qed tintalab ir-revoka tiddependi fuq jekk in-notifika bil-procedura addottata saritx konformement, jew le, ma’ dak provvdut mil-ligi. Dan anke ghaliex l-attur f’din il-kawza ppremetta wkoll illi l-affissjoni ma saretx skond il-procedura rikjesta;

Issa s-subinciz (3) ta’ l-Artikolu 187 jahseb ghal mod kif ghandha ssir in-notifika bl-affissjoni fil-kaz li mir-riferta tal-Marixxal ikun jirrizulta li l-persuna li trid tigi notifikata, ghalkemm tinsab Malta, b’danakollu d-dhul fil-lok fejn hi tkun toqghod ma jkunx jista’ jsir jew il-lok tad-dar taghha ma jkunx maghruf;

F’sitwazzjoni bhal din il-Qorti, ghalkemm fakoltativa ghaliha, tista’ tordna li n-notifika ta’ l-att issir:-

i. “billi titwahhal kopja ta’ l-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficcjali,”

u ii. “billi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta u f’gurnal ta’ kuljum wiehed jew iktar minn wiehed skond kif il-qorti tiddeciedi”;

Tajjeb li jigi hawn osservat illi una volta l-Qorti taderixxi mat-talba konducenti ghan-notifika ta’ l-att bl-affissjoni, imbaghad, jinkombi li l-formalita` shiha tad-dispost tal-ligi msemmi tigi segwita u ezegwita. Dan, fil-fehma ta’ din il-Qorti, hu di rigore, tant li jiddistingwi t-test tal-ligi fl-istat attwali taghha minn dak li kien precedentement qabel l-emendi ntrodotti ghall-Kodici bl-Att XXIV ta’ l-1995. Fejn qabel kellek l-ghazla bil-fatt tal-preposizzjoni “jew” illum l-uzu tal-konguntiv “u” elimina l-alternattiva u rrenda tassattiv kemm it-twahhil ta’ l-att fil-post indikat kif ukoll il-pubblikazzjoni ta’ estratt ta’ l-att;

Jekk qabel l-uzu tal-kelma “jew” kellha effett dizguntiv fis-sens li minnha seta’ jitnissel li l-legislatur kien qieghed jipprospetta formalitajiet distinti, fil-qaghda prezenti l-legislatur ried li biex in-notifika bl-affissjoni tista’ titqies valida din ghandha tirrivesti l-formalita shiha u kompleta taghha;

Tradott ghal kaz in ezami jirrizulta illi ghalkemm sar it-twahhil ta’ l-att fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ tas-Sliema (ara riferta tat-30 ta’ Mejju 1996 a fol. 122), eppure l-istess ma jistax jinghad ghal formalita tal-pubblikazzjoni billi din ma tirrizultax li giet adempita, kif mil-ligi rigorosament rikjest;

Minn dan kollu relatat jitnisslu dawn ir-riflessjonijiet:-

(a) Fl-ewwel lok il-ligi tippreciza b'mod kristallin kif ghandhom isiru n-notifiki ta' l-atti u kif allura jigi zgurat li kopja ta' l-att li bih jigu inizzjati proceduri fil-kontenzjuz kellha tigi notifikata lill-persuna konvenuta;

(b) Fit-tieni lok il-ligi tiddekreta wkoll kif notifika bhal din setghet titqies li tkun legittima u valida. Naturalment dan dejjem skond il-procedura vigenti fil-mument li l-Qorti tkun ordnat li ssir in-notifika ta' l-att tac-citazzjoni u ta' l-avviz tas-smigh tal-kawza u fiz-zmien meta dik il-kawza tigi minnha deciza;

Minn dak akkwizit mill-atti l-Qorti ssib li n-notifika bl-affissjoni fil-kawza li s-sentenza dwarha qed tigi mpunjata ma saretx konformement ghad-dispost tas-subinciz (3) ta' l-Artikolu 187 tal-Kapitolu 12. Bhala rizultat ta' dan l-attur hu gustifikat li jitlob b'success li fil-konfront tieghu tigi mhassra s-sentenza moghtija fit-28 ta' Gunju 1996. Dan ghar-raguni li c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh tal-kawza ma jistghux jigu konsiderati bhala validament notifikati lilu;

Raggunta din il-konkluzjoni, din il-Qorti ma tarax in-necessita` li tinoltra ruhha fuq il-punt sollevat tar-rifjut da parte ta' l-attur ta' l-att tac-citazzjoni u ta' l-avviz tas-smigh, anke jekk tali rifjut seta' kellu konsegwenzi guridici ohra, kif hekk manifest ghal finijiet tal-preskrizzjoni fis-sentenza citata tal-Qorti ta' l-Appell tat-30 ta' Mejju 1997 fl-ismijiet "**Hugh P. Zammit noe –vs- Angelo Bonavia**";

Dan qieghed hekk jinghad ghas-semplici raguni illi ghal finijiet tad-decizjoni, issa ritrattata, in-notifika ma gietx hawn determinata fuq il-portata tar-rifjut izda fuq l-ezekuzzjoni ta' l-istess notifika bil-procedura ta' l-affissjoni. Hu proprju dan il-mod ta' ezekuzzjoni li qed jigi dikjarat invalidu gjaladarba ma segwiex fl-interezza kollha tieghu l-formalitajiet sanciti mil-ligi.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tordna t-thassir tas-sentenza taghha tat-28 ta' Gunju 1996 fil-kawza fl-ismijiet "Raymond Mallia *nomine* –vs- Francis sive Frank Fenech" u dan a tenur ta' l-Artikolu 811 (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ghar-raguni li l-attur ma kienx gie validament notifikat bl-att tac-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh tal-kawza kif trid il-ligi. Konsegwentement tordna s-smigh mill-gdid tal-kawza wara li l-attur jigi debitament notifikat skond il-ligi bl-att promotur tal-gudizzju.

Il-kawza qed tigi differita ghas-27 ta' Gunju 2003 biex tkompli tinstema' fid-dawl ta' dan il-gudikat.

L-ispejjez s'issa nkorsi jibqghu a kariku tal-konvenut *nomine*.

--------------------------------TMIEM--------------------------------